PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2006/0158(CNS)

3.2.2009

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-inizjattiva tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja
(17002/2008 – C6-0009/2009 – 2006/0158(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Ioannis Varvitsiotis

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja (17002/2008 – C6-0009/2009 – 2006/0158(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (17002/2008),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0468),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-7 ta' Novembru 2007[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat tal-UE, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C-6-0009/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93, 51u 55(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6–0000/2009),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill kif emendat;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex konsegwentement ibiddel it-test;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li jibdilha b'test ġdid;

5. Jiddikjara ruħu determinat, fil-każ meta l-abbozz preżenti ma jkunx adottat qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, li jikkunsidra iktar il-proposti kollha fil-kuntest tal-proċedura ta' urġenża, b'koperazzjoni mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Testi adotatti, P6_TA(2007)0551.

Emenda 1

Abbozz tal-Kunsill
Premessa 13 a (ġdida)

Emenda

(13a) Fil-każ ta' ksur ta' ordni ta' sorveljanza Ewropea, l-awtorità tal-ħruġ tista' tiddeċiedi li toħroġ mandat ta' arrest Ewropew bl-iskop tat-trasferiment tal-persuna ssuspettata lejn l-Istat tal-ħruġ. F'ċirkustanzi bħal dawn, li għandhom ikunu limitati strettament għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas, id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 tkopri l-offiżi kollha li għalihom tista' tinħareġ ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Or. en

Justification

Huwa importanti li jkun iċċarat u enfasizzat li l-mandat ta' arrest Ewropew ikopri l-offiżi kollha biss f'każi fejn qed tkun implimentata ordni ta' sorveljanza Ewropea (ksur ta' ordni ta' sorveljanza Ewropea). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew m'għandux ikun estiż b'mod ġenerali.

Emenda 2

Abbozz tal-Kunsill
Premessa 17 a (ġdida)

Emenda

(17a) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tressaq malajr kemm jista' jkun proposta għal strument leġiżlattiv dwar il-garanziji proċedurali fil-proċess kriminali.

Or. en

Justification

Sabiex ikun effettiv, kwalunkwe strument legali bbażat fuq rikonoxximent reċiproku għandu

bżonn ikun komplut b'salvagwardji proċedurali konsistenti u effettivi.

Emenda 3

Abbozz tal-Kunsill
Article 2 - paragraph 2 a (new)

Emenda

2a. Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni ta' Qafas, persuna hija meqjusa mhux residenti meta r-residenza legali u ordinarja tagħha tinsab fi Stat Membru differenti għal dak fejn ikunu qed isiru l-proċedimenti.

Or. en

Justification

Tidher xierqa li tiġi ċċarata d-definizzjoni tar-residenza.

Emenda 4

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt a

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
a) "deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni" għandha tfisser deċiżjoni infurzabbli mogħtija matul proċedimenti kriminali minn awtorità kompetenti tal-Istat emittenti f'konformità mal-liġi u l-proċeduri nazzjonali tiegħu u li timponi fuq persuna fiżika, bħala alternattiva għad-detenzjoni proviżorja, miżura waħda jew aktar ta' superviżjoni;	a) "deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni" għandha tfisser deċiżjoni infurzabbli mogħtija matul proċedimenti kriminali minn awtorità ***ġuridika*** kompetenti tal-Istat emittenti f'konformità mal-liġi u l-proċeduri nazzjonali tiegħu u li timponi fuq persuna fiżika, bħala alternattiva għad-detenzjoni proviżorja, miżura waħda jew aktar ta' superviżjoni;

Or. en

Justification

Waħda mis-salvagwardji l-iktar importanti hija li deċiżjonijiet li jinvolvu libertà personali għandhom jiġu adottati biss minn awtoritajiet ġuridiċi. L-istess approċċ għandu jiġi segwit

fil-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 5

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt d a (ġdid)

Emenda

(da) "l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti" tfisser qorti, imħallef, maġistrat tal-investigazzjoni jew prosekutur pubbliku, b'kompetenza skont il-liġi nazzjonali biex tinħareġ deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni;

Or. en

Justification

Waħda mis-salvagwardji l-iktar importanti hija li deċiżjonijiet li jinvolvu libertà personali għandhom jiġu adottati biss minn awtoritajiet ġuridiċi. L-istess approċċ għandu jiġi segwit fil-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 6

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt d b (ġdid)

Emenda

(db) "l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni" tfisser qorti, imħallef, maġistrat tal-investigazzjoni jew prosekutur pubbliku, b'kompetenza skont il-liġi nazzjonali biex jieħu u jimmonitorja deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni

Or. en

Justification

Waħda mis-salvagwardji proċedurali l-iktar importanti hija li deċiżjonijiet li jinvolvu libertà personali għandhom isiru u jiġu mmonitorjati biss minn awtoritajiet ġuridiċi, jew fi kliem ieħor imħallfin, maġistrati ta' investigazzjoni u prosekuturi pubbliċi. L-istess approċċ għandu

jiġi segwit fil-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 7

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
2. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jinnominaw awtoritajiet non-ġudizzjarji bħala l-awtoritajiet kompetenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Deċiżjoni Qafas, dment li tali awtoritajiet ikollhom il-kompetenza għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura simili skont il-liġi u l-proċeduri nazzjonali tagħhom.	***imħassra***

Or. en

Justification

Din id-dispożizzjoni għandha titħassar biex tkun koerenti mal-emendi dwar l-Artikolu 4.

Emenda 8

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
1. Deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni tista' tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-persuna qed tirrisjedi legalment u ordinarjament, f'każijiet fejn il-persuna li ġiet infurmata dwar il-miżuri kkonċernati, tagħti l-kunsens tagħha biex tirritorna f'dak l-Istat.	1. Deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni tista' tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-persuna qed tirrisjedi legalment u ordinarjament, f'każijiet fejn il-persuna li ġiet infurmata ***b'mod preċiż*** dwar il-miżuri kkonċernati ***f'lingwa li hija tifhem***, tagħti l-kunsens tagħha biex tirritorna f'dak l-Istat.

Or. en

Justification

Matul l-istennija ta' strument estiż fil-qasam tas-salvagwardji proċedurali, ikun xieraq li jiġu għall-inqas stabbiliti salvagwardji proċedurali minimi dwar l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza u b'mod partikolari d-dritt għall-persuna ssuspettata li tiġi infurmata b'mod preċiż f'lingwa li hija tifhem.

Emenda 9

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 13 – paragrafu 2

Text proposed by the Commission	*Emenda*
2. Il-miżura ta' superviżjoni adattata m'għandhiex tkun aktar severa mill-miżura ta' superviżjoni li kienet imposta oriġinarjament.	2. Il-miżura ta' superviżjoni adattata ***għandha tkun ta' natura teknika biss u m'għandhiex timponi minn naħa tagħha stess obbligi addizzjonali fuq il-persuna ssuspettata. Hija*** m'għandhiex tkun aktar severa mill-miżura ta' superviżjoni li kienet imposta oriġinarjament.

Or. en

Justification

Għandu jiġi ċċarat li l-awtorità ta' l-eżekuzzjoni ma tista żżid l-ebda obbligu ma' dawk li huma imposti mill-awtorità tal-ħruġ. L-awtorità ta' l-eżekuzzjoni tista' tagħmel biss aġġustamenti tekniċi għall-ordni ta' sorveljanza Ewropea.

Emenda 10

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
1. Ir-reati li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċaħda ta' libertà għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin, u skont kif inhuma definiti bil-liġi tal-Istat emittenti, għandhom, skont it-termini ta' din id-Deċiżjoni Qafas u mingħajr verifika tal-kriminalità doppja tal-att, iwasslu għal rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni:	***imħassra***

– parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,
– terroriżmu,
– traffikar tal-bnedmin,
– sfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografija bi tfal,
– traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi,
– traffikar illeċitu ta' armi, munizzjoni u splussivi,
– korruzzjoni,
– frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,
– laundering ta' rikavati mill-kriminalità,
– falsifikazzjoni ta' flus, inkluż l-euro,
– atti kriminali konnessi mal-informatika,
– atti kriminali ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu li jinqerdu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-perikolu li jinqerdu,
– faċilitazzjoni tad-dħul u tar-residenza mhux awtorizzati,
– omiċidju, offiża gravi fuq persuna,
– kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani,
– ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi,
– razziżmu u xenofobja,
– serq kwalifikat bil-vjolenza, organizzat jew bl-użu ta' armi,
– it-traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti,
– frodi,
– racketeering u estorsjoni,
– falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,
– falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,
– falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,
– traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u growth promoters oħra,
– traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjoattivi,
– traffikar ta' vetturi misruqa,
– stupru,

– inċendju volontarju,
– atti kriminali li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
– ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti,
– sabutaġġ.

Or. en

Justification

As this framework decision aims to apply the least coercive measures to suspects who would otherwise most likely be subject to the application of a prison pre-trial measure, it makes no sense to make the recognition and execution of the decision on supervision measures subject to the verification of the dual criminality. In fact, Article 14, excluding the verification of dual criminality for the categories of offences listed, implicitly, allows a ground for refusal based on the lack of dual criminality for all the offences not included in the list. This would concretely result in a worse treatment of the suspect as in case of lack of dual criminality it would be more likely that he/she would be subject to provisional detention instead of a non detentive measure applied in a Member States where that behaviour is not punishable. Moreover, fixing the threshold for the exclusion of the verification of dual criminality in three years would mean leaving out of the scope of Paragraph 1 the cases which are likely to be more frequent: less serious crime. Finally, the verification of double criminality should gradually disappear from instruments founded on mutual recognition. The provision which this amendment removes is a step in the opposite direction and was not envisaged in the European Commission proposal.

Emenda 11

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 14 - paragrafu 2

Text proposed by the Commission	*Emenda*
2. Il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiddeċiedi fi kwalunkwe waqt li jżid kategoriji oħrajn ta' reati mal-lista fil-paragrafu 1. Il-Kunsill għandu jeżamina, fid-dawl tar-rapport ippreżentat lilu skont l-Artikolu 27 ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jekk il-lista għandhiex tiġi estiża jew emendata.	***imħassra***

Or. en

Justification

Din id-dispożizzjoni għandha titħassar biex tkun koerenti mal-emendi l-oħra dwar l-Artikolu 14.

Emenda 12

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 14 - paragrafu 3

Text proposed by the Commission	*Emenda*
3. Għal reati oħra barra dawk koperti mill-paragrafu 1, l-Istat ta' esekuzzjoni jista' jagħmel ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni soġġett għall-kondizzjoni li d-deċiżjoni tirrigwarda atti li jikkostitwixxu wkoll reat skont il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni, indipendentement mill-elementi kostituttivi jew minn kif inhu deskritt.	***imħassra***

Or. en

Justification

Din id-dispożizzjoni għandha titħassar biex tkun koerenti mal-emendi l-oħra dwar l-Artikolu 14.

Emenda 13

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 14 - paragrafu 4

Text proposed by the Commission	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet kostituzzjonali, mal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, permezz ta' dikjarazzjoni notifikata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, jiddikjaraw li huma ma humiex ser japplikaw il-paragrafu 1 fir-rigward ta' xi reati jew tar-reati kollha msemmijin	***imħassra***

f'dak il-paragrafu. Tali dikjarazzjoni tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe mument. Tali dikjarazzjonijiet jew irtirar ta' dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Justification

Din id-dispożizzjoni għandha titħassar biex tkun koerenti mal-emendi l-oħra dwar l-Artikolu 14.

Emenda 14

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 15 - paragrafu 1 - punt d

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
(d) id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni hija relatata, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(3) u, fejn l-Istat ta' esekuzzjoni jkun għamel dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 14(4), fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 14(1), għal att li ma jkunx jikkostitwixxi reat taħt il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni; fi kwistjonijiet ta' taxxa, dwana u valuta, madankollu, l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni ma tistax tiġi miċħuda minħabba li l-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni ma tippreskrivix taxxi tal-istess tip jew ma fiha ebda dispożizzjoni dwar taxxi, dazji jew valuta tal-istess tip bħal-liġi tal-Istat emittenti;	***imħassra***

Or. en

Justification

Din id-dispożizzjoni għandha titħassar biex tkun koerenti mal-emendi dwar l-Artikolu 14.

Emenda 15

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 21 - paragrafu 1

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
1. Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti ħarġet mandat ta' arrest ***jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja oħra li tista' tiġi nfurzata li għandhom l-istess effett***, il-persuna għandha tiġi kkonsenjata skont id-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew.	1. Jekk***, f'każ ta' ksur ta' miżura ta' sorveljanza,*** l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti ħarġet mandat ta' arrest, il-persuna għandha tiġi kkonsenjata skont id-Deċiżjoni *ta'* Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew.

Or. en

Justification

Ir-rapporteur fl-opinjoni rċevuta fl-2007 rrefera b'mod ċar għal każijiet ta' ksur tal-miżuri ta' sorveljanza u għall-bżonn li ma tinħoloqx sistema ta' trasferiment/ċediment parallela għall-Mandat ta' Arrest Ewropew. Ir-referenza għall-Mandat ta' Arrest Ewropew hija għalhekk milqugħa sew.

Emenda 16

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 21 - paragrafu 3

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
3. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, meta jittrasponi din id-Deċiżjoni Qafas jew fi stadju aktar tard, li huwa ser japplika wkoll l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew fit-teħid tad-deċiżjoni dwar il-konsenja tal-persuna kkonċernata lill-Istat emittenti.	***imħassra***

Or. en

Justification

Meta jitqies l-għan tal-istrument legali, għandhom ikunu koperti r-reati kollha mingħajr ma

jiġi stabbiliti limitu minimu.

Emenda 17

Abbozz tal-Kunsill
Artikolu 21 - paragrafu 4

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
4. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni li tkun ġiet irċevuta taħt il-paragrafu preċedenti disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.	***imħassra***

Or. en

Justification

Din id-dispożizzjoni għandha titħassar biex tkun koerenti mal-emendi għall-Artikolu 21.

Emenda 18

Abbozz tal-Kunsill
Anness 1 - Il-kaxxa taċ-ċertifikat (f) - punt 2

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
2. Jekk ir-reat(i) allegat(i) msemmi/jin fil-punt 1 jikkorrispondi/u ma' wieħed jew aktar mir-reati allegati li ġejjin, kif definiti fil-liġi ta' l-Istat emittenti u li huma kastigabbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-liberta' ta' massimu ta' mill-inqas tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma billi timmarka l-kaxxa/i rilevanti: ***– parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,*** ***– terroriżmu,*** ***– traffikar ta' persuni,*** ***– sfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografija bi tfal,*** ***– traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi,***	***imħassra***

– traffikar illeċitu ta' armi, munizzjonijiet u splussivi,
– korruzzjoni,
– frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,
– laundering ta' rikavati mill-kriminalità,
– falsifikazzjoni ta' flus, inkluż l-euro,
– reati konnessi ma' l-informatika,
– reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu li jinqerdu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-periklu li jinqerdu,
– faċilitazzjoni tad-dħul u tar-residenza mhux awtorizzati,
– omiċidju, offiża gravi fuq persuna,
– kummerċ illeċitu fl-organi u t-tessuti umani,
– ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi,
– razziżmu u ksenofobja,
– serq organizzat jew bl-armi,
– traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri ta' l-arti,
– frodi,
– racketeering u estorsjoni,
– falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,
– falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom,
– falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament,
– traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi tat-tkabbir (growth promoters) oħrajn,,
– traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjoattivi,
– traffikar ta' vetturi misruqin,
– stupru,
– ħruq volontarju ta' proprjetà,
– reati li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,
– ħtif illegali ta' ajruplani/bastimenti,
– sabotaġġ.

Or. en

Justification

Din id-dispożizzjoni għandha titħassar biex tkun koerenti mal-emendi dwar l-Artikolu 14.

Emenda 19

Abbozz tal-Kunsill
Anness 1 - Il-kaxxa taċ-ċertifikat (f) - punt 3

Test propost mill-Kunsill	*Emenda*
3. Safejn ir-reat(i) allegat(i) identifikat(i) fil-punt 1 hawn fuq mhux kopert(i) mill-punt 2 jew jekk id-deċiżjoni, kif ukoll iċ-ċertifikat jintbagħtu lil Stat Membru, li jkun iddikjara li ser jivverifika l-kriminalità doppja (Artikolu 14(4) tad-Deċiżjoni Qafas), jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni sħiħa tar-reat(i) allegat(i) kkonċernat(i):	***imħassra***

Or. en

Justification

Din id-dispożizzjoni għandha titħassar biex tkun koerenti mal-emendi dwar l-Artikolu 14.

NOTA SPJEGATTIVA

Kif diġà ġie enfasizzat fl-ewwel opinjoni dwar din il-proposta leġizlattiva, il-perjodu ta' detenzjoni qabel il-proċess għandu jitqies bħala miżura eċċezzjonali li għandha tiġi ttestjata strettament kontra d-dritt għal libertà u l-preżunzjoni ta' innoċenza[1]. Qatt ma għandu jkun obbligatorju u anqas ma għandu jiġi użat għal raġunijiet punittivi[2]. Għaldaqstant, fl-istadju qabel il-proċess, għandhom jittieħdu bl-iktar mod wiesa' possibbli miżuri ta' sorveljanza mhux ta' kustodja.

Iċ-ċaħda ta' libertà fl-istadju qabel il-proċess għandha tiġi imposta fil-prinċipju bħala extrema ratio biss biex timpedixxi tliet sitwazzjonijiet klassiċi: periklu ta' ħarba, periklu ta' trażżin ta' evidenza u periklu ta' ripetizzjoni ta' reati.

Huwa meħtieġ li jiġi assigurat li f'zona Ewropea komuni ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni, persuna li hija ssuspettata u li mhijiex residenti fl-istat fejn ser isir il-proċess ma tiġix trattata differenti minn suspettat li huwa residenti.

Madankollu, s'issa miżuri alternattivi għal perjodu ta' detenzjoni qabel il-proċess ma setgħux jiġu rikonoxxuti min-naħa għall-oħra tal-fruntieri peress li l-ebda strument speċifiku ta' rikonoxximent reċiproku ma ġie implimentat u minħabba f'hekk il-ħarsien legali tad-drittijiet individwali ġie ostakolat.

Hemm riskju ċar ta' trattament mhux ugwali bejn iż-żewġ kategoriji – ċittadini tal-UE li mhumiex residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn huma ssuspettati ta' reat u ċittadini tal-UE li huma residenti. Barra minn hekk, dan jista' jitqies ukoll bħala ostakolu għall-moviment ħieles tal-persuni.

Wara li qies dak li għadu kif issemma, ir-rapporteur jappoġġa bis-sħiħ l-adozzjoni ta' din il-biċċa leġiżlatura, li ser tippermetti rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet għal kontroll qabel il-proċess. Dan l-istrument jinkoraġixxi awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex ma jżommux taħt arrest dawk li ma jkunux residenti ta' dak l-istat waqt il-proċess ta' qabel il-ġuri ikkawżat mill-periklu ta' ħarba iżda biex jitħallew imorru lura fl-Istat Membru li bħalissa huma residenti legali u ordinarji tiegħu.

F'dan l-ispirtu, ir-rapporteur jilqa' b'sodisfazzjon it-test emendat fis-sens li jqis is-

---

[1]Artikolu 6(2) tat-TEU jipprovdi li l-Unjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB, 1950) u kif jirriżultaw minn tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja.
Id-drittijiet bażiċi u l-libertajiet fundamentali li jmexxu l-perjodu ta' detenzjoni qabel il-proċess u alternattivi għal dik it-tip ta' detenzjoni u li huma stabbiliti mill-KEDB huma kif ġejjin:
- Art. 5(1) "kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sikurezza tal-persuna";
- Art. 6(2) "kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi preżunt innoċenti sakemm ma jinstabx ħati mil-liġi";
- Art. 5(1)c "l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat"
[2] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill Ewropew, Rec(2006)13.

suġġeriment tiegħu biex ikabbar l-iskop tad-Deċiżjoni Qafas u biex jinkludi possibiltà għas-suspettat li jitlob lill-awtorità kompetenti biex joħorġu liċenzja biex iċaqalqu l-ordni ta' kontroll għal Stat Membru ieħor minflok dak li hu/hija resident legali u ordinarju tiegħu. Ir-rapporteur ikompli jiċċara d-definizzjoni ta' residenza. Fid-dawl tal-għan tal-proposta, huwa vitali li l-kunċett ta' residenza ma jkunx limitat għal residenza 'permanenti' li hija terminoloġija diġà aċċettata sew mill-Komunità. Madankollu, għandu jkun ċar li r-residenza għandha tkun legali u ordinarja. Għal dan l-iskop, għandhom jitqiesu ċ-ċirkustanzi *de facto*.

Hekk kif din id-deċiżjoni qafas timmira biex tapplika l-inqas miżuri koersivi għas-suspettati li kieku hemm ċans kbir li jkunu suġġetti għall-applikazzjoni ta' detenzjoni provviżorja, ma jagħmilx sens li r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni jsiru suġġetti għall-verifika tal-kriminalità doppja. Fil-fatt, l-Artikolu 14 u l-Artikolu 15 Paragrafu 1(d), jeskludu l-verifika ta' kriminalità doppja għall-kategoriji ta' reati elenkati, jippermettu raġuni għal rifjut ibbażata fuq in-nuqqas ta' kriminalità doppja għar-reati kollha mhux inklużi fil-lista. Dan ser jirriżulta b'mod konkret fi trattament agħar għas-suspettat peress li f'każ ta' nuqqas ta' kriminalità doppja ikun ħafna iktar probabbli li hu/hija jkun suġġett ta' detenzjoni provviżorja flok miżura mhux detentiva applikata fi Stat Membru fejn dak l-aġir mhuwiex punibbli. Barra minn hekk, it-tiswija tal-limitu għall-esklużjoni tal-verifika ta' kriminalità doppja fi tliet snin ifisser it-tħollija barra mill-iskop ta' l-Artiklu 14 paragrafu 1 il-każi li huma probabbli li jseħħu iktar spiss: reat inqas serju. Fl-aħħarnett, il-verifika ta' kriminalità doppja għandha tisparixxi gradwalment mill-istrumenti fondati fuq rikonoxximent reċiproku.

Fl-ispirtu ta' assigurazzjoni tal-aqwa trattament għas-suspettat u sakemm jiġi adottat strument estensiv fil-qasam tas-salvagwardji proċedurali, ikun xieraq l-istabbiliment ta', għallinqas, salvagwardji proċedurali minimi għal esekuzzjoni/modifikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll u l-aktar id-dritt tas-suspettat li jkun infurmat b'mod preċiż b'lingwa li hu/hi jifhem.

F'dak li jikkonċerna l-mekkaniżmu ta' trasferiment u r-referenza ġdida għall-Mandat ta' Arrest Ewropew, ir-rapporteur fl-opinjoni mogħtija fl-2007 semma espliċitament każijiet ta' ksur tal-miżuri ta' kontroll u l-ħtieġa biex ma tinħoloqx sistema ta' trasferiment/ċediment parallela tal-Mandat ta' Arrest Ewropew. Għaldaqstant, ir-referenza tal-Mandat ta' Arrest Ewropew ġiet milqugħa. Madankollu hija l-opinjoni tar-rapporteur li l-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzja għandha tiddeċiedi fuq każ skont il-bażi tiegħu jekk, f'każ ta' ksur tal-miżura ta' kontroll, is-suspettat jeħtieġ li jiġi arrestat u l-Istat Membru ma joħroġx il-liċenzja.

Għandu jkun iddikjarat b'mod ċar ukoll li r-reati kollha għandhom ikunu koperti (mingħajr l-istabbiliment ta' limitu). Għaldaqstant, meta tiġi applikata l-ESO, l-EAW għandha tiġi estiża biex tkopri r-reati kollha.